

# Pittura oħra f'Bormla

**Joseph R. Gatt**

F'ħarġiet oħra ta' dan il-ktejjeb konna tkellimna dwar "il-Pittura fil-Knisja Kolleġġjata u Parrokkjali ta' Bormla". F'din it-tieni parti ser nitkellmu dwar aktar pittura li nsibu fi knejjes żgħar u mkejjen oħra f'Bormla. B'hekk inkunu ġbarna, mill-aħjar li stajna, ħafna mill-pittura li niltaqgħu magħha f'Bormla u sirna nafu aktar dwarha.

Dan il-patrimonju artistiku li missirijietna ġabru matul is-snin, għandna nibżgħu għalih u ngħożżuh biex ma nitilfu xejn minnu, ħalli nkunu nistgħu ngħadduh lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna biex igawduh huma wkoll.

**Il-Pittura fil-Knisja ta' San Pawl**
F'din il-knisja ddedikata lil San Pawl ma nsibux għajr tliet kwadri prinċipali - wieħed fuq kull artal.

Il-kwadru titulari ta' l-artal maġġur jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' l-Appostlu Missierna San Pawl. Dan huwa xogħol tal-pittur Rokku Buhagiar (c. 1725-1805) u kien ħa post il-kwadru ta' qablu fuq ordni ta' l-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807). Il-kwadru l-qadim tqiegħed fis-sagristija.

Il-pittura ta' fuq l-artal tal-lemin turina l-Martirju ta' Santa Barbara Verġni u Martri - impittra minn Francesco Zahra (1710-1773). Fuq l-iskannel ta' dan l-artal insibu kwadru żgħir ovali li fih naraw lil Sant'Antnin bil-Bambin. Il-pittura fuq l-artal tax-xellug turina lis-Sagra Familja - il-Madonna, San Ġużepp u t-tfajjel Ġesù fil-ħanut tax-xogħol tal-Mastrudaxxa. Dan il-kwadru pittru l-Bormliż Ġanni Vella (1885-1977) ftit snin wara li temm l-istudji tiegħu f'Ruma. Il-pittura ġġib l-isem tal-pittur u s-sena meta tlestiet - G. Vella 1918.

Fis-saqaf tal-Knisja ma hemm l-ebda pittura.

Fost il-kwadri li niltaqgħu magħhom fis-sagristija hemm tnejn interessanti ħafna - wieħed jurina l-laqgħa ta' San Franġisk t'Assisi ma' San Duminku u l-ieħor il-Qawmien ta' Lazzru mill-mewt - żewġ kwadri qodma li tpittru fuq xogħol ta' Mattia Preti (1613-1699). Sa ftit snin ilu dawn kienu mdendla mal-ħitan tal-ġnub ta' l-artal maġġur (ma nafx għalfejn tneħħew minn fejn kienu). Fis-sagristija nsibu kwadri oħra.

Hija ħasra kbira li din il-Knisja ħelwa tilfet ħafna mill-ġmiel tagħha meta dan l-aħħar

snin ġiet miżbugħa b'dawk il-kuluri qawwija. Min hu responsabbli għandu jieħu ħsieb biex il-knisja terġa' tinżebagħ b'kuluri aktar xierqa li jmorru ma' l-istil arkitettoniku.



Kopja tal-kwadru titulari ta' Preti - S. Ġwann Elemożinier.



Il-Kwadru titulari tal-konverżjoni ta' S. Pawl - Rokku Buhagiar.

**Il-Knisja ta' San Ġwann t'Għuxa**

Dan l-aħħar sentejn din il-Knisja ġiet irrestawrata mill-Iskola tal-Bini Ġlormu Cassar u fiha tqiegħdu żewġ kwadi kopji ta' dawk li kien hemm qabel. Il-knisja nfetħet mill-ġdid f'Ġunju 1991 wara aktar minn 50 sena mitluqa. Matul il-gwerra kienet ġarrbet ħafna ħsarat u d-dar u l-ġnien li kellha tneħħew meta żviluppa l-lokal ta' madwarha.

Il-kwadri oriġinali li kellha kienu tneħħew mill-Knisja fi żmien il-gwerra biex ikunu aktar imħarsin mill-qerda ta' l-għadu.

Il-pittura ewlenija turina lill-Isqof San Ġwann l-Elemożinarju liebes l-abiti sagri, bil-mitra u l-baklu, jagħti l-karità lill-foqra. Ħdejh naraw abbati jżomm baċil bil-flus. Kwadru sabiħ ħafna kemm fil-kompożizzjoni u l-kulur tiegħu. Ta' min japprezzah ħafna. Fil-kwadru l-ieħor li għandu forma ta' nofs tond naraw lill-Missier Etern bilqiegħda, imdawwar b'anġli, iżomm id-dinja f'idu 'l waħda u l-oħra merfugħa 'l fuq.

Il-kwadri oriġinali huma xogħol ta' Mattia Preti (1613-1699) u saru għall-ħabta tas-sena 1682 meta l-Knisja kienet inbniet mill-ġdid 'il barra mis-swar ta' Firenzuola. Illum dawn wieħed jista' jammirahom fil-Mużew ta' l-Arti fil-Belt.

Dawk li llum tpoġġew fl-apside u fuq l-artal maġġur huma kopji.

A. Ferris fil-ktieb tiegħu "Memorie dell'Inclito Ordine Gerosolimitano" jgħidilna li minbarra l-kwadru prinċipali ta' San Ġwann t'Għuxa hemm pittura oħra, nofs tond (lunetta) fuq il-bieb prinċipali. Din tirrappreżenta lil San Ġwann Battista qed jagħti l-libsa (l-abitu) tar-Reliġjon. Iżid ukoll li "fis-sagristija hemm kwadru ritratt tal-fundatur tal-Knisja Mons. Fra Pietro Viany". Tgħid il-kwadru ta' San Ġwann Battista li tqiegħed ftit ilu fil-Mina ta' Santa Liena, Bormla huwa kopja ta' l-istess wieħed li jsemmi Ferris?Kwadru simili jinsab fil-knisja ta' Sarria, l-Floriana. U l-kwadru ta' P. Viany x'sar minnu?

**Il-knisja ta' l-Istitut ta' San Ġużepp**

Din il-Knisja hija magħquda ma' l-Istitut ta' San Ġużepp li sa ftit snin ilu kien jiġbor fih għadd mhux ħażin ta' tfal. Illum dawn jinsabu fl-Istitut Sagra Familja ta' Ħaż Żabbar u l-Istitut ta' Bormla safa' bla ħajja u żdingat.

Il-kwadru prinċipali huwa xogħol sabiħ ħafna tal-pittur Taljan Sebastiano Conca. Conca twieled f'Gaeta fl-1679. Il-pittura turina lis-Sagra Familja.

Fost il-kwadri nsibu lil Marija Addolorata, pittura magħmula fuq xogħol ta' Guercino (1591-1666). P.P. Castagna fil-ktieb tiegħu "L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer tagħha" jgħidilna li hija xogħol tal-pittur Rokku Buhagiar. Iż-żewġ kwadri li jirrappreżentaw lil Marija Assunta (Santa Marja) u lill-Madonna tal-Karmnu pittirhom Rokku Buhagiar. Ma' dawn hemm kwadru tal-Beatu Ġużeppi Lebrè xogħol ta' Antonio Zammit u kwadri oħra.

**Referenzi:-**

1. A. Ferris "Memorie Dell'Inclito Ordine Gerosolimitano"
2. A. Ferris "Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e Gozo" - 1866.
3. P.P. Castagna - "L-Istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha".
4. Aldo Vella - "Gianni Vella - Maltese Artist Painter 1885-1977" - 1979.
5. M. Buhagiar - "The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 Painting" 1988.



J&A CAMILLERI
FURNITURE, CHANDELIERS & GIFTS
QORMI ROAD, HAMRUN TEL: 231133